



Mistoqsijiet Frekwenti

Ir-rwol u x-xogħol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bħala l-awditur estern tal-UE

1. Min aħna?

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija l-awditur estern indipendenti tal-Unjoni Ewropea (UE). Ġiet stabbilita bit-Trattat ta' Brussell tal-1975, bdiet xogħolha f'Ottubru 1977 u saret Istituzzjoni tal-UE fl-1993 taħt it-Trattat ta' Maastricht.

Nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, nipromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza, u naġixxu bħala l-**wardjan tal-interessi finanzjarji** taċ-ċittadini tal-Unjoni. Xogħolna, li huwa indipendenti u oġġettiv, jagħti appoġġ lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u lill-Istati Membri biex jimmaniġġjaw u jissorveljaw aħjar l-użu tal-fondi tal-UE.

Xogħolna u s-sejbiet tagħna, nikkomunikawhom permezz tar-rapporti tagħna u permezz ta' pubblikazzjonijiet oħra. Dawn ir-rapporti huma importanti għall-Kunsill u għall-Parlament Ewropew f'xogħolhom leġiżlattiv u ta' skrutinju, kif ukoll għall-proċess tal-Parlament Ewropew li **jagħti kwittanza** lill-istituzzjonijiet tal-UE rigward l-implimentazzjoni tagħhom tal-baġit tal-UE.

2. X'nagħmlu?

Inwettqu awditi, nagħmlu **rapporti analitiċi**, u noħroġu **opinjonijiet**.

- o Nagħżlu u nwettqu l-awditi tagħna b'mod indipendenti abbażi tal-mandat u l-kompiti tagħna ddefiniti fit-Trattat u skont l-[istandards professjonali tal-INTOSAI](#) u [dikjarazzjonijiet oħra](#): l-awditjar huwa proċess sistematiku ta' ksib u evalwazzjoni oġġettivi tal-evidenza biex jiġi determinat jekk l-informazzjoni jew il-kundizzjonijiet ta' dak iż-żmien jikkonformawx mal-kriterji stabbiliti mwettqa minn korpi tal-awditjar esterni indipendenti. Il-mandat tal-awditjar tagħna jinkludi **awditi finanzjarji, tal-konformità u tal-prestazzjoni**, u jkopri l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kif ukoll l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jimplementaw il-fondi u/jew il-politika tal-UE.
- o Ir-**rapporti analitiċi** tagħna għandhom l-għan li jipprovdu deskrizzjonijiet li jispjegaw il-kuntest kif ukoll analiżi, spiss minn perspettiva trażversali u fuq il-bażi ta' xogħol tal-awditjar preċedenti jew fuq informazzjoni oħra li tkun disponibbli għall-pubbliku. Jaf nippreżentaw l-analiżi li nkunu għamilna ta' oqsma jew kwistjonijiet li nkunu għadna ma awditjajniex, jew nistabbilixxu fatti dwar suġġetti jew problemi speċifiċi. Dan ix-xogħol jista' jiġbed l-attenzjoni wkoll għal riskji u sfidi rilevanti.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) tal-QEA

- o Noħorġu **opinjonijiet** ukoll dwar proposti tal-Kummissjoni għal leġislazzjoni ġdida jew riveduta. Meta dawn il-proposti jinvolvu impatt sinifikanti u/jew dirett fuq il-ġestjoni finanzjarja, id-dritt tal-UE jirrikjedi li l-QEA tiġi kkonsultata f'ċerti proċessi leġislattivi. Istituzzjonijiet oħra tal-UE jaf jitolbu lill-QEA toħroġ opinjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi oħra. Filwaqt li mhumiex legalment vinkolanti, l-opinjonijiet kollha tagħna jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li huma l-leġislaturi tal-UE, għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

3. Aħna x'tipi ta' awditi nwettqu?

Inwettqu tliet tipi differenti ta' awditi; nivverifikaw li l-fondi tal-UE:

- huma kontabilizzati b'mod korrett (**awditu finanzjarju**),
- jinġabru jew jintefqu skont ir-regoli u r-regolamenti rilevanti (**awditu tal-konformità**) u
- jkunu kisbu valur għall-flus (**awditu tal-prestazzjoni**).

Awditi finanzjarji u tal-konformità

Skont [il-mandat tagħna taħt it-Trattat](#), aħna meħtieġa nawditjaw kull sena l-affidabbiltà tar-rapporti finanzjarji annwali konsolidati tal-baġit ġenerali tal-UE (**awditu finanzjarju**) kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati (**awditu tal-konformità**). L-opinjoni tal-awditjar (**dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni**) tagħna nsawruha abbażi ta' approċċ strutturat ta' awditi finanzjarji u tal-konformità.

Permezz tal-**awditi finanzjarji** annwali li nwettqu, neżaminaw jekk il-Kummissjoni ppreżentatx b'mod korrett l-informazzjoni finanzjarja fir-rapporti finanzjarji skont il-qafas tar-rappurtar finanzjarju u regolatorju applikabbli. Insegwu standards internazzjonali tal-awditjar. Biex naslu għall-opinjoni tal-awditjar tagħna, nivverifikaw il-funzjonament ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin, nanalizzaw u nirrikonċiljaw kontijiet u bilanċi u nwettqu testijiet sostantivi.

L-**awditi tal-konformità** tagħna jitwettqu billi jiġi vvalutat jekk l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni rreġistrati fir-rapporti finanzjarji tal-UE jikkonformawx mar-regoli, mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-ftehimiet rilevanti għall-entità awditjata.

Biex nivvalutaw jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jikkonformawx mar-regoli u r-regolamenti tal-UE u oħrajn applikabbli, inserrġu prinċipalment fuq l-ittestjar dirett ta' **kampjun ta' tranżazzjonijiet** statistikament rappreżentattiv li jkun intgħażel b'mod aleatorju. Dan huwa kkomplementat b'eżaminar tas-sistemi ta' **sorveljanza u kontroll** magħżula, biex jiġi determinat jekk id-dħul tal-UE miġbur u l-pagamenti mġarrba ġeww ikkalkulati b'mod korrett u jikkonformawx mal-qafas legali u regolatorju tal-UE. L-**ittestjar dettaljat** li nwettqu jkopri kull sena l-iskemi ta' nfiq kollha tal-UE u għadd magħżul ta' Stati Membri, u jintuża biex jiġu pprovduti valutazzjonijiet speċifiċi għal oqsma ewlenin tal-baġit tal-UE. Nużaw ukoll **xogħol awdituri oħra** li jkun rilevanti u disponibbli, liema awdituri jkunu mill-amministrazzjonijiet kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri tal-UE, bħala evidenza biex nappoġġaw il-konklużjonijiet tal-awditjar tagħna.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) tal-QEA

Awditi tal-prestazzjoni

Għall-awditi tal-prestazzjoni li nkunu għażilna, nivvalutaw il-kwalità tad-dħul jew tal-infiq tal-UE. Dawn l-awditi jinvolvu eżaminar ta' programmi, operazzjonijiet, sistemi ta' ġestjoni u proċeduri ta' korpi u ta' istituzzjonijiet li jimmaniġġjaw fondi tal-UE, biex jiġi vvalutat jekk humiex qed jiksbu **ekonomija, effiċjenza u effettività** fl-użu ta' daww ir-riżorsi.

L-awditi tal-prestazzjoni tal-UE jinkludu verifiki tal-proċeduri u tas-sistemi tal-proċess ta' intervent pubbliku, inklużi l-**inputs** (il-mezzi finanzjarji, umani, materjali, organizzazzjonali jew regolatorji li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm), l-**outputs** (ir-riżultati tanġibbli tal-programm), ir-**riżultati** (l-effetti immedjati tal-programm fuq destinatarji jew riċevituri diretti) u l-**impatti** (il-bidliet għal żmien twil fis-soċjetà li jistgħu jiġu attribwiti għall-azzjoni tal-UE).

4. X'inhuma l-outputs prinċipali li nipubblikaw, li jirriżultaw mix-xogħol tal-awditjar li nkunu wettaqna?

Il-QEA għandha erba' [tipi prinċipali ta' outputs](#): **rapporti annwali, rapporti speċjali, rapporti analitiċi u opinjonijiet**:

Ir-**rapporti annwali** kollha tagħna fihom ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar **finanzjarju u tal-konformità** li wettaqna fuq il-baġit tal-UE, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp. B'żieda ma' dan, nipubblikaw **rapporti annwali speċifiċi**, li fihom nippreżentaw ir-riżultati tal-awditi **finanzjarji annwali** li nkunu wettaqna tal-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-impriżi konġunti tal-UE. Ir-rapporti annwali tagħna fihom id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni jew l-opinjoni tal-awditjar tagħna, li tappoġġa u tinforma lill-Parlament Ewropew meta jiddeċiedi japprovax jew le l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għal dik is-sena.

Nipubblikaw ir-riżultati tal-awditi **tal-prestazzjoni** tagħna dwar diversi oqsma ta' nfiq u ta' politika f'**rapporti speċjali**. Jiffukaw fuq suġġetti li jirriflettu l-kwistjonijiet li l-UE qed tħabbat wiċċha magħhom, bħal kwistjonijiet relatati mat-tkabbir u l-impjiegi, il-valur miżjud Ewropew, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, l-ambjent, u l-azzjoni dwar il-klima.

Fl-2023, **ippublikajna 35 rapport speċjali u rapport analitiku** li jindirizzaw ħafna mill-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE fl-oqsma differenti ta' nfiq u ta' politiki tal-UE.

Ippublikajna wkoll **erba' opinjonijiet** li fihom eżaminajna l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni.

Nipubblikaw ir-rapporti, ir-rapporti analitiċi, u l-opinjoni kollha tagħna fuq [is-sit web tagħna bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE](#). Għar-rapporti tagħna, ir-risposti tal-korp(i) awditjat(i) jiġu ppubblikati bl-istess mod fuq is-sit web tagħna.

5. Xi flus nawditjaw?

Kull sena, bħala parti minn xogħolna b'rabta mad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, nawditjaw **id-dħul u n-nefqa fil-qafas tal-baġit tal-UE**. B'żieda ma' dan, nawditjaw ir-regolarità tan-**nefqa fil-qafas tal-RRF, li għaliha** noħroġu opinjoni tal-awditjar separata.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) tal-QEA

Għar-Rapport Annwali 2022 tagħna, il-popolazzjoni li awditjajna għall-ittestjar tad-dħul u tan-nefqa ammontat għal EUR 245.3 biljun u EUR 220.5 biljun rispettivament. Aħna awditjajna popolazzjonijiet separati għall-infiq tal-baġit tal-UE (EUR 166.8 biljun) u għall-infiq fil-qafas tal-RRF (EUR 53.7 biljun) biex nappoġġaw l-opinjoni rispettivi tagħna.

B'żieda ma' dan, nawditjaw **dħul u nefqiet oħra tal-UE**, bħal pereżempju għat-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), l-aġenziji tal-UE u l-impriżi konġunti.

L-awditi tal-prestazzjoni jew ir-rapporti speċjali tagħna jiffukaw fuq oqsma ta' nfiq u politika speċifiċi li l-UE tappoġġa, jew suġġetti baġitarji u b'rabta mal-ġestjoni.

6. Min nawditjaw, u fejn?

Il-QEA għandha s-sede tagħha fil-Lussemburgu. Inwettqu x-xogħol tal-awditjar tagħna fil-Lussemburgu u fuq il-post. L-awdituri tagħna jagħmlu għadd kbir ta' żjarat biex jiltaqgħu mal-**Kummissjoni Ewropea** – l-entità awditjata prinċipali tagħna – u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, kif ukoll l-aġenziji u l-korpi tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri tal-UE, id-delegazzjonijiet tal-UE barra mit-territorju tal-Ewropa f'pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE.

L-awdituri tagħna jżuru wkoll lill-benefiċjarji **tal-fondi tal-UE fuq il-post**, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha. Permezz ta' dawn il-verifiki, insegwu l-flus mill-baġit tal-UE sal-benefiċjarji finali u **niksbu evidenza diretta għall-awditjar** għall-iżborż mingħand dawk involuti fil-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE u fil-ġbir jew fil-ħlas ta' fondi tal-UE, kif ukoll mingħand il-benefiċjarji finali.

7. Kif nistabbilixxu l-programm ta' ħidma tagħna?

Il-QEA hija kompletament indipendenti fl-għażla u t-twettiq tax-xogħol tal-awditjar tagħna.

L-objettivi tal-awditjar prinċipali tagħna għall-ippjanar għal żmien twil huma stabbiliti fl-[istrateġija pluriennali](#) tagħna. Barra minn hekk, inwettqu eżerċizzju ta' ppjanar kontinwu fejn niddeċiedu f'aktar dettall x'se nawditjaw fis-snin ta' wara, u x'riżorsi huma meħtieġa biex dan nagħmluh.

Meta nistabbilixxu l-programm ta' ħidma tagħna, nagħżlu kompiti tal-awditjar billi napplikaw diversi kriterji oġġettivi, bħal

- riskji għall-baġit u għall-implimentazzjoni tal-politika permezz tal-baġit,
- volum finanzjarju,
- kopertura preċedenti tal-oqsma tal-awditjar,
- valur miżjud/impatt potenzjali u
- riżorsi disponibbli.

F'dan il-proċess, nieħdu kont ukoll tal-proposti tal-awditjar li nirċievu mingħand il-partijiet ikkonċernati istituzzjonali tagħna (il-kumitati tal-Parlament Ewropew ippreżentati permezz tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati tiegħu, u mingħand ir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri għall-UE). Fi tmiem il-proċess, nadottaw il-programm ta' ħidma tagħna u niġbdu l-attenzjoni għall-prijoritajiet tal-awditjar li jkollna għas-snin li ġejjin u nipprovdu dettalji tar-rapporti tagħna, kemm ir-rapporti speċjali kif ukoll dawk analitiċi, li biħsiebna nagħmlu, minbarra r-rapporti annwali tagħna ta' kull sena.

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) tal-QEA

Naqsmu l-[programm ta' ħidma tal-QEA](#) mal-partijiet ikkonċernati tagħna u naġġornaw regolarment l-[iskeda indikattiva tagħna tar-rapporti](#) li għandhom jiġu ppubblikati f'perjodu ta' 12-il xahar.

Filwaqt li nippjanaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna bil-quddiem, nibqgħu reattivi meta minħabba ċ-ċirkustanzi jkollna nawditjaw qasam ta' politika tal-UE fi żmien qasir, meta problemi emerġenti jirrikjedu l-attenzjoni.

8. X'inhuwa l-impatt ta' xogħolna?

Xogħolna **jinforma lil dawk li jfasslu l-politiki u lil-leġislaturi dwar oqsma fejn l-UE tista' tmur aħjar fil-ġejjieni**. Huma wkoll ċari u aċċessibbli, minħabba li nemmnu li ċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu jistgħu jifhmu faċilment x'sar bi flushom u jekk dawn intefqux bil-għaġal u f'konformità mar-regoli.

Filwaqt li r-**rakkomandazzjonijiet** tagħna mhumiex legalment vinkolanti, il-biċċa l-kbira minnhom jiġu aċċettati u implimentati mill-entitajiet li nawditjaw. U meta nerġgħu mmorru lura għal qasam tal-awditjar ftit tas-snin wara li r-rapporti tagħna jkunu ġew ippubblikati, insibu konsistentement li r-rakkomandazzjonijiet tagħna kellhom impatt pożittiv.

9. Min jaħdem fil-QEA u xi rwol għandhom il-Membri tal-QEA?

Il-QEA **topera bħala korp kolleġġjali ta' Membri**, wieħed minn kull Stat Membru tal-UE. Il-[Membri tal-QEA](#) jinħatru mill-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew għal perjodu ta' 6 snin li jista' jiġġedded. Il-QEA hija mmexxija minn President, li huwa Membru elett mill-kolleġġ. Il-President jassumi r-rwol ta' "l-ewwel fost il-pari" għal mandat ta' 3 snin li jista' jiġġedded.

Il-Membri tal-UE jiġu assenjati f'waħda mill-[ħames awli tal-awditjar](#), fejn il-biċċa l-kbira mir-rapporti tal-awditjar, ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni tagħna jiġu adottati. L-awli tal-awditjar jallokaw il-kompiti tagħhom fost il-Membri tagħhom. Kull Membru għandu obbligu ta' rendikont lejn l-awla, u lejn il-kolleġġ, għall-kompiti tal-awditjar tiegħu.

Il-QEA għandha madwar **950 membru tal-persunal**. Filwaqt li l-biċċa l-kbira minnhom huma awdituri, nimpjegaw ukoll tradutturi u persunal li jipprovdu servizzi ta' appoġġ u amministrazzjoni ġenerali. Il-persunal inkarigat mill-awditjar għandu firxa wiesgħa ta' kwalifiki u esperjenzi professjonali kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inkluż fil-kontabbiltà, l-awditjar intern u estern, il-liġi u l-ekonomija. Il-QEA tħaddem **ċittadini mill-Istati Membri kollha tal-UE**. Bħala uffiċjali pubbliċi tal-UE, il-membri tal-persunal tal-QEA huma suġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE. Il-QEA tħaddem għadd kważi ndaqs ta' nisa u rġiel.

10. Kif nikkooperaw mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Istati Membri tal-UE?

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE jeħtieġ lill-QEA u lill-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) tal-Istati Membri **jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja**, filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom.

Nikkooperaw mal-Istati Membri prinċipalment fi ħdan il-qafas tal-Kumitat ta' Kuntatt tas-SAIs tal-UE. Dan il-Kumitat jipprovdi pjattaforma biex is-SAIs jiskambjaw esperjenzi u approċċi metodoloġiċi fost diversi gruppi ta' ħidma u networks. Il-Kapijiet tas-SAIs tal-UE jiltaqgħu darba fis-sena biex jiddiskutu kwistjonijiet topiċi u ta' rilevanza komuni. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-[sit web tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-UE](#).

Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) tal-QEA

11. Kif nikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-frodi?

Bħala l-awditur estern tal-UE, aħna ma għandniex mandat biex ninvestigaw każijiet ta' frodi suspettata. Għalhekk, l-awditi li nnettqu mhumiex maħsuba speċifikament biex jaqdbu l-frodi. Madankollu, meta l-awdituri tagħna jidentifikaw każijiet li fihom nissuspettaw li jaf tkun saret attività frodulenti, għandna l-obbligu nirrappurtaw dawk il-każijiet lill-awtoritajiet kompetenti.

Meta nsibu każijiet ta' frodi suspettata, dawn nirrappurtawhom lill-**Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)**, li huwa d-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli mill-investigazzjoni ta' każijiet suspettati ta' frodi u korruzzjoni u, meta jkun applikabbli, lill-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)**, li huwa l-uffiċċju indipendenti tal-UE li jinvestiga u jħarrek reati li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-UE, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni u evidenza rilevanti.

FI-2023, irrappurtajna 19-il każ ta' frodi suspettata lill-OLAF mix-xogħol tal-awditjar tagħna. Minn dawk il-każijiet, 17 ġew irrappurtati wkoll lill-UPPE. Ir-rapport annwali tagħna dwar il-baġit tal-UE jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar in-natura tal-każijiet ta' frodi suspettata u, meta applikabbli u/jew disponibbli, dwar l-irkupri finanzjarji sussegwenti rakkomandati mill-OLAF.

12. Inti fejn tista' ssib aktar informazzjoni dwar il-QEA?

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar xogħolna u r-riżultati tagħna fuq is-[sit web](#) tagħna:

Jekk tixtieq **tikkuntattja lill-QEA**, jekk jogħġbok ibagħtilna email fuq ECA-InstitutionalRelations@eca.europa.eu.